



Brussell, 29 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11807/25  
PV CONS 43  
AG 120  
PARLNAT 97

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
**KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**  
(Affarijiet Ġeneral)  
18 ta' Lulju 2025

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 11569/1/25 REV 1.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva**

11128/1/25 REV 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkti fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

**b) Lista leġiżlattiva (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

11129/25

**Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

1. Direttiva dwar ir-regoli tal-VAT għall-bejħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-VAT fuq l-importazzjoni  
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*  
approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-09.07.2025

**[SC]** 10699/25  
9255/25  
FISC

Il-Kunsill adotta d-Direttiva.

## Affarijiet Ġenerali

2. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-politiki ta' diliġenza dovuta tal-batteriji (Omnibus IV)

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

*Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-16.07.2025



11309/25  
PE-CONS 28/25  
SIMPL

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Il-Kunsill idderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif indikat fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.

## Ġustizzja u Affarijiet Interni

3. Regolament dwar bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-16.07.2025



11308/25  
PE-CONS 17/25  
IXIM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d), u l-Artikolu 87(2), il-punt (a) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

## Enerġija

4. Regolament dwar il-ħżin tal-gass

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-16.07.2025



11329/1/25 REV 1  
+ REV 1 ADD 1  
PE-CONS 27/25  
ENER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 194(2) TFUE), bl-Ungerija tivvota kontra u s-Slovakkja tastjeni. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**  
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

3. **Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) wara l-2027** **[S C]**  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u kellu skambju ta' fehmiet.

4. Affarijiet oħra

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

5. Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1 li  
jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità  
Ekonomika Ewropea 11302/25  
+ ADD 1-2  
*Skambju ta' fehmiet*
6. Affarijiet oħra
- a) Trattament tal-aġenda ta' simplifikazzjoni matul il-  
Presidenza Daniża 11580/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*
- b) Solidarjetà fil-fajls b'unanimità 11764/25  
*Informazzjoni mill-Ġermanja*



L-ewwel qari



Proċedura leġiżlattiva speċjali



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

---

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 11129/25**

**Dwar il-punt "A"**      **Regolament dwar il-ħżin tal-gass**  
**nru 4:**                  *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Is-Slovakkja tagħraf il-kontribut tal-miżuri proposti fir-Regolament dwar il-ħżin tal-gass biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Ir-Regolament iżid ukoll il-flessibbiltà tant meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħżin tal-gass u jipprovdi kjarifika utli tal-applikazzjoni prattika tiegħu, b'mod partikolari għall-ħażniet tal-gass li jinsabu fi Stati Membri oħra.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet fil-premessa 2 rigward ir-Regolament REPowerEU propost u dikjarazzjoni li jsir progress rapidu lejn it-tmiem tal-importazzjoni tal-gass mir-Russja mhumiex aċċettabbli għas-Slovakkja għal diversi raġunijiet:

L-ewwel nett, ir-rabta ma' proposta li hija s-suġġett ta' proċess leġiżlattiv li għaddej bħalissa hija ferm anormali u tista' titqies bħala li tippreġudika r-riżultati tan-negozjati tagħha, filwaqt li diversi elementi ewlenin (eż. obbligazzjoni li jirriżultaw minn kuntratti tal-gass fit-tul ikkanċellati u oħrajn) iridu jiġu ċċarati.

It-tieni nett, il-premessa ma għandha l-ebda rabta ma' xi parti tat-test leġiżlattiv innifsu u tmur ferm lil hinn mill-għan tar-Regolament dwar il-ħżin tal-gass. B'mod speċifiku, bl-ebda mod ma tista' tiddetermina jew teskludi s-sors tal-provvista tal-gass biex jiġi ssodisfati l-obbligi skont dan ir-Regolament.

Għalhekk, fir-rigward tal-pożizzjoni konsistenti tagħna rigward il-proċess tat-tnejħija gradwali tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili mir-Russja, li hija f'kontradizzjoni diretta mal-premessa 2 ta' dan ir-Regolament, is-Slovakkja tastjeni milli tivvota dwar dan ir-Regolament."

**Aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna**

- Dwar il-punt "A" nru 21:** a) Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

*Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-tħassib dwar il-pressjonijiet kontinwi fuq is-settur tat-trasport marittimu tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implementazzjoni tas-sanzjonijiet u r-riskju ta' ċirkomvenzjoni permezz ta' bdil frekwenti tal-istat tal-bandiera (flag hopping) u r-reġistrazzjoni mill-ġdid barra mill-Unjoni.

Biex tappoġġa l-industrija tat-trasport marittimu u tiġġieled ir-riskju ta' tneħħija tal-bandiera, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, se tikkoordina mas-sħab fil-koalizzjoni tal-limitu massimu tal-prezz taż-żejt biex tippromwovi approċċ konġunt għall-istabbiliment u l-implementazzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet, u b'hekk trawwem kundizzjonijiet ekwi.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tintensifika s-sensibilizzazzjoni tagħha orjentata lejn l-Istati terzi tal-bandiera biex theggieg l-allinjament mal-infurzar tas-sanzjonijiet tal-UE u biex tiskoraġġixxi li l-bastimenti tal-UE li tkun tneħħiħilhom il-bandiera jkunu jistgħu jiksbu l-bandiera ta' pajjiż terz biex jevadu s-sanzjonijiet tal-UE.

F'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kunsill u mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se taħdem biex tilħaq dawn l-objettivi, b'mod konsistenti mar-rwol tagħha skont it-Trattati tal-UE biex tissorvelja l-implementazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni.

B'mod aktar spċificu, sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-reġistrazzjoni mill-ġdid barra mill-UE biex jiġu ċċirkumventati s-sanzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw b'mod sistematiku lill-Kummissjoni dwar id-deregistrazzjonijiet mir-registro tal-bandiera tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 3na tar-Regolament 833/2014, li jobbliga lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkondividu informazzjoni ma' xulxin biex jidtentifikaw bastimenti li jistgħu jkunu jew li jistgħu jsiru parti mill-flotta mistura Russa. Filwaqt li tqis din l-informazzjoni u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Агентзіја Европея гħas-Sigurtà Marittima (EMSA, European Maritime Safety Agency), il-Kummissjoni se timmonitorja strutturalment il-bdil ta' bnadar u l-movimenti tal-bastimenti, b'attenzjoni partikolari għall-hekk imsejħa flotta mistura.

Il-Kummissjoni se tirrapporta s-sejbiet rilevanti lill-Kunsill u lill-korpi preparatorji tiegħu biex tappogġga l-kapaċċità tal-Unjoni li tivvaluta u tiproponi aktar elenkar fil-lista. Il-bastimenti li jkunu neħħew il-bandiera u li jkunu kkontribwew għad-dħul Russu mill-enerġija għandhom jiġu vvaluatati f'dan il-kuntest u jistgħu jingħataw priorità għall-elenkar fil-lista futura.

Il-Kummissjoni se toħroġ notifika biex twissi lill-operaturi u lis-sidien tal-bastimenti kollha dwar din il-proċedura u l-implementazzjoni stretta tagħha u li jeżistu l-obbligi ta' diliġenza dovuta fil-qafas tad-dritt tal-UE biex jiġi żgurat li l-bastimenti li jkunu tneħħew mir-registro tal-UE ma jintużawx biex jiġu ċċirkumventati s-sanzjonijiet tal-UE. In-notifika se tinforma wkoll lill-operaturi u lis-sidien tal-bastimenti li kwalunkwe tneħħija tal-bandiera mir-registro tal-bandiera tal-UE bl-iskop li jingħarr żejt Russu bi ksur tas-sanzjonijiet tal-UE, tinvolvi riskju għoli li tiġi proposta għall-elenkar fil-lista skont l-atti legali rilevanti tal-Unjoni."